TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 184/12-F

**Angie Farrugia u Christopher John Falzon**
**vs**
**Mirage Holdings Ltd.**

Illum 26 ta' Frar, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-31 ta' Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, ħames mija u tnejn u għoxrin ewro (€1,522) rappreżentanti prezz ta' forn u ħsarat li għamlet fil-kċina.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal, ipprova jara kif seta' jirranġa l-każ u ordna lis-soċjeta' ntimata biex tbiddel dik il-parti tal-kċina fejn kellha l-ħsara u fil-fatt hekk ġara.

It-Tribunal ordna wkoll li jsir aċċess fuq il-post u jara kif il-forn jista' jintuża u fil-fatt hekk ukoll sar, pero' bil-konsegwenza li xorta baqa' ħiereġ il-fwar minn dan il-forn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi fwar esaġerat mhuwiex aċċettabli u *se mai* r-rikorrenti kellha tiġi nfurmata bil-konsegwenza li jekk tixtri dan it-tip ta' forn seta' jkun hemm din il-konsegwenza.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tlett mitt u ħamsin ewro (€350), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata u b'dan illi l-forn jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888